# Kunsill Lokali L-Imġarr

22, Triq Sir Harry Luke, L-Imġarr, MGR 1501, Malta
mgarr.lc@gov.mt - ***www.mgarrlc.com***


**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Imġarr**

**Is-Seba' Leġislatura, Laqgħa numru 72**

**Nhar l-Erbgħa 11 ta' Lulju 2018, fil-5:00pm**

Il-Kunsill Lokali ta' l-Imġarr issejjaħ fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab f' 22, Triq Sir Harry Luke, l-Imġarr, sabiex jiltaqa' għall-Laqgħa tal-Kunsill numru 72 tas-Seba' Leġislatura, nhar l-Erbgħa 11 ta' Lulju 2018, fil-5:00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**
Paul Vella – Sindku
Eman Vella – Deputat Sindku
Mario Sammut – Kunsillier
Elia Borg - Kunsillier

**ASSENTI B' APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3)**
Clayton Gauci - Kunsillier

**ASSENTI**
Hadd

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI**
Cyprian Dalli - Segretarju Eżekuttiv

**PUBBLIKU**
Hadd

**---- MINUTI -----**

i. Il-laqgħa bdiet fis-5:19pm.

ii. Il-Laqgħa kienet preseduta mis-Sindku, Paul Vella.

iii. Il-laqgħa xxandret dirett fuq il-paġna elettronika tal-Kunsill permezz tas-sistema tal-live-streaming.

iv. L-Aġenda tmexxiet fuq l-Aġenda segwenti :

72.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;
72.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;
72.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku;
72.4 Korrispondenza
72.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;
72.6 Rapporti;
72.7 Temi oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;
72.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' l-Iskeda tal-Pagamenti;
72.9 Mozzjonijiet;
72.10 Offerti għas-Sejħiet - Tenders
72.11 Xogħlijiet li qed isiru jew li ħa jsiru
72.12 Il-Ġnejna
72.13 Tmiem tal-Laqgħa u data tal-Laqgħa li jmiss
TMIEM

**72.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

72.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li kien irċieva ittra ta' apoloġija mingħand il-Kunsillier Clayton Gauci li informa li, minħabba raġunijiet personali, ma setax jattendi għal din il-laqgħa. Il-Kunsill aċċetta it-talba u għalhekk ser jitniżżel bħala assenti b' apoloġija għal din il-laqgħa.

**72.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti.**

71.2.1 Il-Minuti ġew mibgħuta lill-membri tal-Kunsill minn qabel, u għaldaqstant ġew meqjusa moqrija u ġew approvati kif ippreżentati u ffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

**72.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

72.3.1 Is-Sindku informa li iċ-ċattra tal-baħar kienet lesta u tpoġġiet fil-Ġnejna. Fakkar li l-Awtorita' Maltija għat-Turiżmu kienet ser tgħin finanzjarjament għall-dan ix-xogħol fuq talba tal-Kunsill.

72.3.2 Is-Sindku informa wkoll li mal-ewwel aħbar li fil-Ġnejna kienet daħla fekruna biex tbid, il-Kunsill mill-ewwel ħa passi u koordina mal-awtoritajiet konċernati sabiex titħares iż-żona u tiġi preserveta bl-aħjar mod possibbli.

72.3.3 Is-Sindku informa li kienu twaħħlu traffic-calmers f' Binġemma, wara l-approvazzjoni ta' Transport Malta.

72.3.4 Is-Sindku informa wkoll li kienu qed jiġu installati dwal bl-enerġija tax-xemx mal-pedestrian crossing fi' Triq il-Banjijiet Rumani.

72.3.5 Is-Sindku ta' rendikont tax-xogħlijiet li kienu qed isiru fil-ground ta' quddiem il-bini tal-Kunsill. Il-ground kienet qed issirlu xibka mad-dawra kollha tiegħu filwaqt li ġew installati dwal apposta. F' dawn il-jiem kien qed jiġi installat it-tapit tat-turf kif ukoll isir manutenzjoni estenziva fuq is-soft flooring tal-bandli ta' biswit dan il-ground.

72.3.6 Is-Sindku ta' rendikont tal-attivita' dwar l-agrikoltura li saret fis-Santi, bl-isem ta' 'Wirja u Tħaddim ta' Inġenji Agrikoli Antiki'. Kien hemm interess kbir għal din l-attivita' u jidher li intlaqgħet tajjeb tant li hemm il-ħsieb li terġa ssir is-sena d-dieħla.

Fil-5:34pm daħal il-Kunsillier Mario Sammut.

72.3.7 Is-Sindku informa wkoll li l-Kunsill kien rebaħ Premju ta' €250.00 mill-kumpanija GreenPak wara li kien innominat bħala wieħed mill-aktar Kunsilli Lokali li ġabar batteriji użati biex dawn jintremew b' mod b' inqas inpatt ambjentali.

72.3.8 Is-Sindku informa li kien għaddej xogħol biex jingħata wiċċ ġdid lil Triq il-Palma. Dan ix-xogħol kien qed isir min Transport Malta.

**72.4 Korrispondenza**

72.4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq diversi Memos, Ċirkolarijiet u korrispondenzi oħra mil-entitajiet governattivi, fosthom id-DLG, l-AKL u l-Awtorita' tal-Ippjanar.

72.4.2 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq rapport mingħand l-AKL dwar l-effett negattiv tal-bżieżaq fuq l-ambjent. Il-Kunsill qabel unanimament li jieħu pożizjoni ċara kontra tfiegħ ta' bżieżaq f' attivitajiet u festi.

72.4.3 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq petizzjoni li kienet titlob li Sqaq Numru 1 fi' Triq il-Palma u Triq Riħ il-Barrieri jingħataw wiċċ tal-asfalt. Il-Kunsill iddiskuta din it-talba u qabel li ma jsibx l-ebda' oġġezzjoni biex Sqaq Numru 1 jitkompla biex jingħaqad ma Triq Riħ il-Barrieri.

**72.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

72.5.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet mill-Kunsilliera għal din il-laqgħa.

**72.6 Rapporti**

72.6.1 Ma kienx hemm rapporti waqt din il-laqgħa.

**72.7 Temi oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa**

72.7.1 Ma kienx hemm temi oħra diskussi waqt din il-laqgħa.

**72.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti**

72.8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq l-iskeda tal-pagamenti numru 7 li kienet tammonta għall-Ewro 55,966.96.

72.8.2 Din l-iskeda ġiet approvata unanimament.

**72.9 Mozzjonijiet**

72.9.1 Ma ġewx ippreżentati mozzjonijiet għal din il-laqgħa.

**72.10 Offerti għas-Sejħiet - Tenders**

72.10.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill bid-dettalji tal-offerti li kien irċieva għas-seħja tat-tenders. L-offerti li waslu kieku dawn :

72.10.2 *TENDER MGR 2018/01 : Sejħa għal provvista u installazzjoni ta' sistemi ta' arja kkundizzjonata li jkunu effiċienti fl-użu tal-enerġija* – il-Kunsill irċieva żewġ offerti li huma :

- Mekkanika Ltd : €21,556.12
- Solar Engineering Ltd : €23,091.16

72.10.3 *TENDER MGR 2018/02 : Sejħa għal xogħolijiet ċivili fuq mixtla tal-Kunsill Lokali tal-Imġarr* – il-Kunsill ma rċieva l-ebda' offerta għal din is-sejħa.

72.10.4 *TENDER MGR 2018/03 : Sejħa għal provvista, installazzjoni u ċertifikazzjoni ta' serer f' mixtla komunali fl-Imġarr* – il-Kunsill irċieva 3 offerti mingħand l-istess kumpanija, Agriproducts Ltd, li huma ta'

- €26,980.00
- €29,580.00
- €30,600.00

72.10.5 Il-Kunsill ser jieħu pariri tekniċi u jibda' l-evalwazzjoni ta' dawn is-sejħiet.

**71.11 Xogħlijiet li qed isiru jew li ser isiru fl-Imġarr**

71.11.1 Il-Kunsill ġie infurmat b' xogħlijiet li qed isiru bħalissa mis-Sindku (ara 72.3).

71.11.2 Ix-xogħol marbut mal-miżura 4.3 għandu jibda' fil-ħimgħat li ġejjin.

71.11.3 Dwar ix-xogħol fuq tal-Għasfura, is-Sindku informa li kienet saret laqgħa fuq il-post fejn l-HSBC foundation ikkommetti fondi sabiex dan il-proġett jitlesta.

**72.12** **Il-Ġnejna**

72.12.1 Is-sindku spjega li it-tabel ta' Art Privata kienet saret mis-sid ta' l-art privata wara diskuzzjoni mal-Pulizija.

72.12.2 Is-Sindku spjega wkoll li, flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv, kellu laqgħa mad-Direttur Ġenerali u d-direttur tal-Indafa Pubblika dwar iż-żamma tal-indafa fil-Ġnejna. Il-Kunsill ikommetta ruħu li ser iħid il-frekwenza tal-kollezzjonijiet mill-Ġnejna.

**72.13** **Tmiem tal-Laqgħa u data tal-Laqgħa li jmiss**

72.13.1 Il-Laqgħa ntemmet fis-6:54pm.

72.13.2 Il-Laqgħa numru 73 tal-Kunsill issejħet għal-Erbgħa 8 ta' Awwissu 2018, fil-5:00pm, fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali ta' l-Imġarr.

*Paul Vella*
***Sindku***

*Cyprian Dalli*
***Segretarju Eżekuttiv***